# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **16** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar il-**Ġimgħa 26 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm.**

## *It-Tieni Seduta*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliette<br>Is-Sur John B.Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fis-6.30pm.)<br>Is-Sur George Farrugia (daħal fis-6.30pm.) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Josef Grech |

## ***Aġenda*** (InterOffice Memo No 10/05)

3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders :
   KLM 2010/09 - *Tender for lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council.*
   KLM 2010/10 – *Tender for supply and installation of light poles in Ġnien David Vella, St Thomas Bay Marsaskala.*
   MLC 08/2010 – *Quotation for Cleaning Service.*
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill :***

3.6 **Progress dwar ir-restawr tan-niċċeċ:**

3.6.1 **Niċċa San Spiridjun:**

Ġie mistieden il-Perit Aaron Abela, sabiex jispjega fid-dettal xi punti fuq dawn l-*items* li ġejjien.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hu flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri kellhom laqgħa mas-Sur Anthony Pace is-Supretendent tal-Heritage, fejn is-Sur Pace kien qal li għalkemm ħareġ il-permess mill-MEPA dwar din in-niċċa ta' San Spiridjun sabiex titpoġġa quddiem il-Palm Valley, ma qabilx ma' dan il-lok, iżda huwa jipproponi sabiex titpoġġa ħdejn in-niċċa ta' San Tumas.

Is-Sindku qal li l-art inkwestjoni ta' quddiem il-Palm Valley hija tal-Lands u għalhekk kull ma kien fadlilna nagħmlu u li f'dan il-każ nitolbu d-devoluzzjoni tagħha.

Il-Kunsill qabel sabiex nitolbu laqgħa oħra mas-Sur Pace biex nipproponulu li n-Niċċa ta' San Spiridjun nagħmluha ħdejn il-Palm Valley.

Għalhekk fid-dawl ta' dan il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri flimkien mal-Perit ġew mitluba sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

3.6.2 **Niċċa Sant'Anna u San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fuq dawn iż-żewġ niċċeċ għad m'hemmx permessi u għalhekk talab *method of statement* fejn il-kumpanija Heritage Resco talbet l-ammont ta' €120-il wieħed.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-*method statements* għandhom isiru bi ħlas

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li wara li jkollna l-*method statement* noħorġu t-tender sabiex isir ir-restawr minħabba l-fatt li l-Kunsill kien diġa rċieva fondi min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

3.7 ***Monument tad-Douzelage:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-monument tad-Douzelage li se jitpoġġa fuq il-bridge fi Pjazza Mifsud Bonniċi issa nħareġ il-permess tiegħu mill-MEPA.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***
- ***Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***

Il-Perit is-Sur Aaron Abela spjega li dan il-monument se jkollu bażi ta' briks mgħottija bi travertin u li peress li l-kumplament tiegħu se jkun tal-*stainless steel*, qed jiġbor 4 kwotazzjonijiet minn kumpaniji differenti. Il-kumpaniji huma AF Signs, Steel Structures, Stainless Steel u ieħor miż-Żejtun. Il-Perit qal li dan kollu qed isir qabel ma noħorġu t-tender.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 **<u>Problema ta' għargħar fiz-zona ta' Pjazza Mifsud Bonniċi u Survey rigward il-problema ta' għargħar fi Pjazza Dun Tarċis :</u>**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għandna problema kbira fejn jispiċċa l-bridge fi Pjazza Mifsud Bonniċi għaliex hemm parti fejn qed iżżomm ħafna ilma baħar u n-nies filli jkunu qegħdin mixjin u filli jsibu saqajhom merqa ġo l-ilma u l-periklu huwa li jispiċċaw jimxu fit-triq fejn jistgħu jiġu mtajra minn xi vetturi. Għalhekk ippropona sabiex inqabdu l-Perit tagħna jagħmel *survey* dwar x'jista` jsir fuq din il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li l-importanti li nħallu aċċess għal-parkeġġ u ħaġa oħra li jekk hemm bżonn li jsir xi konkos dan għandu jintuża *marine concrete*.

Il-Kunsill qabel unanimament li nħallu f'idejn il-Perit biex jagħmel *survey* u jtina stima dwar dan.

- Rigward il-problema ta' għargħar fi Pjazza Dun Tarċis Aġius il-Perit Aaron Abela qal li sabiex jagħmel *survey* fuq din il-problema din se tiswa €130.00.

Is-Sindku qal li wara li nagħmlu dan is-*survey*, il-Perit għandu jħejji proposta liema proġett għandna mbagħad nipproponuh lill-Gvern Ċentrali għaliex il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed sabiex jagħmel dan il-proġett.

Il-Perit Aaron Abela qal li f'dik il-parti hemm bżonn li ssir *scarifying* tal-pjazza kollha għaliex it-triq trid tgħola bi 11-il pulzier.

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera sabiex il-*hawkers* li jpoġġu f'din il-pjazza jitressqu minn hemm u jitpoġġew ġo post ieħor, pero` sar qbil li l-Kunsill m'għandux jidħol f'din il-kwistjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 **<u>Garanzija Bankarja fi Triq il-Batterija taż-Żonqor wara site inspection mal-Perit tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-sid ta' propjeta` fi Triq il-Batterija taż-Żonqor qed jitlob lill-Kunsill sabiex nirrilaxxawlu l-garanzija bankarja wara li lesta x-xogħol tiegħu, pero` wara spezzjoni tas-sit inkwestjoni mill-Perit tagħna ġie nnutat li f'dan is-sit hemm xi ħsarat fit-triq. Ir-resident konċernat qed jgħid li il-ħsarat li kien hemm fit-triq kienu qabel ma beda x-xogħol u minħabba li fil-viċinanzi kien hemm sit ta' kostruzzjoni ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li parti mit-triq verament kienet sfrundata pero` l-parti l-oħra tkissret bil-ħaddiema u l-makkinarju li ħadmu għal dan ir-resident inkwistjoni.

Il-Perit issuġġerixxa li din għandha ssir *patch* kbira biex isir xogħol sewwa u dan wara li kien għamel spezzjoni fuq il-post.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara diversi diskussjonijiet u e-mails li kellu mar-resident konċernat ċert li hu mhux se jħallas dan l-ammont għax qed jinsisti li hu se jħallas biss €200.00. Hu kien saqsa lis-Sur Dalli jekk qabel ma' nħareġ il-permess kienx sar rapport mill-Perit tiegħu lill-MEPA li din it-triq kienetx sfrundata. Ġejna infurmati mill-MEPA fejn bagħtulna anke ritratti li l-kuntrattur stess qed ikisser il-bankina wara li kien inħareġ il-permess minnhom, pero` jista` jkun ukoll li hemm parti mit-triq fejn ġiet imkissra mill-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu s-somma ta' €300.00 għall-ħsarat li kienu saru u jekk ir-resident konċernat ma jaċċettax għandna nitolbuh sabiex jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill biex niddiskutu dwar dan.

3.10 **<u>Ġnien Charles Clews fi Triq is-Sibbien:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat il-korrispondenza lill-Kunsilliera dwar dan fejn reġa ġab għall-attenzjoni tagħhom li l-Perit kien bagħat stima ta' xogħol fejn għandu jitwaħħal b'mod permanenti arblu għall-bandiera fejn il-plakka ta' nawgurazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li kien avviċinat mis-Sur Alfred Debono fejn issuġġerixxa li nagħmlu 4 t'ibnadar oħra mdawwrin ma' dan il-ġnien, għall-okkażjoni u għalhekk se jkollna bżonn ta 5 arbli bkollox. Arblu wieħed jibqa` fil-ġnien, filwaqt li l-erba` l-oħra jintużaw għall-attivitajiet tal-Kunsill. Fuq stima ta' xogħol dawn għandhom jiġu 16-il pied għoljin u 75mm dijametru u jiġu jiswew €550.00 bl-artarjoli u l-ħbula nklużi.

Il-Perit ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar punt ieħor li hemm bżonn li jsir. Ġol-ġnien hemm 4 t'ikmamar żgħar fejn ser jintużaw għall-pompi, eċċ.. Dawn għandhom bżonn li jsirilhom il-biebin tagħhom. Il-biebin huma ta' 6 filati għoli b'metru wiesgħa. Skond l-istima tiegħu dawn se jiġu jiswew €880.00.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li dawn il-biebin għandhom ikunu galvanizzati u jkunu attrajenti peress li fi spazju żgħir se jkun hemm 4 t'ikmamar.

Punt ieħor li qajjem il-Perit kien dwar ir-*railings* li minn 0.8 metri għoljin ser jiġu 1.1 metru għoljin għaliex se jeliminaw il-metru briks mad-dawra u b'hekk irid jiżdied l-għoli tal-ħadid u fuq dan mhux se jkun hemm differenza kbira ta' flus.

Kien hemm qbil unanimu rigward dawn ix-xogħlijiet *extra* u varjazzjonijiet.

Fuq mistoqsija tal-Viċi Sindku s-Sindku spjega li ċ-Ċiniżi kienu lesti li se jibgħatu l-monument tan-nofs għal dan il-ġnien u talbuna kemm il-darba biex intuhom il-permessi tal-MEPA. Peress li l-permess tal-MEPA ma kellniex tajnihom in-numru tal-applikazzjoni u dan ma kienx tajjeb. Dan l-aħħar reġu talbuna numru tal-permess iżda għidnilhom li l-pjan tagħna inbidel peress li l-ġnien kien ser jiġi ddedikat l-persuna mportanti f'pajjiżna. Dawn kienu anke bagħtu l-abbozz tal-monument.

Il-Perit Aaron Abela ssuġġerrixxa li għandna nagħmlu bħal pereżempju xi tip ta' rħama bl-ilma, jew xi ħaġa simili pero` dejjem naraw kemm ser tiġi tiswa.

Il-Kunsill qabel li meta l-Perit ikollu d-dettalji ta' x'nistgħu nagħmlu niddeċiedu dwar dan minħabba l-ammont li se tiġi tiswa bl-installazzjoni b'kollox. Ġie nnotat il-fatt ukoll li x'aktarx il-ġnien se jiġi inawgurat mingħajr dan l-oġġett fil-funtana. Il-ġurnata ta' l-inawgurazzjoni trid tkun mat-tieni anniversarju mill-mewt ta' Charles Clews, li jfisser 29 ta' Jannar 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-pedestal tas-Sur Charles Clews liema pedestal kellu jsir wara li l-Kunsill iddeċieda li jsemmi l-ġnien għas-Sur Clews se jsir mill-Kunsill u l-bust se jagħmluh il-familjari tas-Sur Clews. L-*engraving* se jsir fi travertine u se jiġi jiswa €1082.00 eskluż il-VAT, skond stima li nġabet mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru aktar stimi.

Il-Kunsill qabel li l-plakka kommemorattiva għanda taqra hekk *"Proġett bejn l-Awtorita` ta' Malta u l-Ippjanar u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala. Inawgurat mis-Sindku u l-Kunsilliera Illum....."*.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan kollu.

❖ **Matters Arising:**

Il-Perit Aaron Abela ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-punt li kien tkellem fuqu l-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel tat-18 ta' Novembru, 2010 dwar Item 3.2 - *Pjazza Mifsud Bonniċi.*

Il-Perit staqsa ala l-Kunsill ħa d-deċiżjoni li noħorġu *'Expression of Interest'* fuq bandli Mifsud Bonniċi.

Is-Sindku wieġeb u spjega li l-Kunsill ġie mistieden minn kumpanija Svediża HAGS Ltd ġewwa *Monte Kristo Estate* flimkien ma Kunsilli oħra biex naraw tipi ta' apparat tal-bandli. Il-Kunsill tagħna ġie ukoll mistieden ġewwa Sweden għall-fiera iżda ittieħdet deċiżjoni li ma naċċettawx din l-istedina biex ma jkunx hemm xi konflitt ta' nteress.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li hu fehem ala l-Perit ma' għoġbitux din l-ideja tal-*expression of interest,* għaliex b'hekk hu se jiġi japplika fuq *sketches* ta' periti oħra. Is-Sur Camilleri jipproponi sabiex it-tender tinħareġ proġett komplut bit-tpoġġija b'kollox.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux aħjar li npoġġu apparat flok li kien hemm biex b'hekk naqbżu l-permessi tal-MEPA.

Il-Kunsillier Camilleri wieġeb li Marsaskala tixraqilha ħafna iktar minn hekk u b'hekk għandna nagħmlu proġett ġdid fejn għandna nitolbu li jsir *turnkey project* u l-kuntrattur stess jitlob għall-permessi neċessarji mill-MEPA.

Is-Sindku qal li għandna noħorġu l-*expression of interest* għax b'hekk inkunu nistgħu nagħżlu biċċa minn waħda u biċċa minn oħra biex nagħmlu t-tender u għandna nagħmlu aktar affarijiet attrajenti mhux għar-residenti tagħna biss imma anke għal dawk li jiġu jżuruna. Huwa fil-fatt qabel mal-Viċi Sindku meta qal li jrid isir xi ħaġa *Pilot Project.*

Il-Kunsillier John Baptist Camilleri qal li mportanti li niddeferixxu l-*boundaries* eżatt sa fejn għandna naslu bejn dak li hu tagħna u dak li hu tal-ħwienet.

Il-Kunsill iddeċieda li nagħmlu *public convenience* żgħir flok it-*telephone box* jekk possibli.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Perit għandu jagħmel *survey* u jagħmel *outline* tas-sit biex wara l-Kunsill jista joħroġ sejħa għall-*brief.*

❖ ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti għal Item Nru 5 ta' fuq l-Aġenda.***

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Tenders :***

5.1 **KLM 2010/09 - Tender for lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal dan it-tender ħadd ma ttenderja.

Ġie deċiż li għandna nerġgħu noħorġu tender oħra bi speċifikazzjonijiet oħra, fejn għandna nispeċifikaw il-minimu tal-faċċata.

5.2 **KLM2010/10 - Tender for Light Poles fi Ġnien David Vella:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn it-tenders:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Calleja Ltd. | Availibility app. 6 to 8 weeks | €8671.19 Incl VAT |
| 2. | Fino | Option B<br>Option A | €14,100.00 Incl VAT<br>€12,772.00 Incl VAT |
| 3. | Altern | | €8732.00 Incl VAT |
| 4. | Nexos Street Lighting Ltd. | Option A – 30 LED's<br>Option B – 40 LED's | €7035.00 Incl VAT<br>€8180.00 Incl VAT |
| 5. | Ludwig Rodo | | €8866.07 Incl VAT |

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li fuq rapport li sar mal-Perit Aaron Abela, jissuġġerixxi li nagħżlu t-tender tan-Nexos Street Lighting Option B u għandna nitolbu li fuq il-poles għanda tingħata garanzija ta' sentejn.

Il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar qal li rridu nkunu ċerti li luminazzjoni tal-bozza għanda tibqa kif inhi, mhux wara ftit żmien tibda turi anqas, minħaba li qegħdin nitkellmu fuq LED's.

Il-Perit fihem li fl-ispeċifikazzjonijiet kien talab li l-bozzoz għandhom idumu sa minimu ta' 100,000 siegħa.

Il-Kunsill approva unanimament *Option B* tan-Nexos Street Lighting Ltd. minħabba li hija mhux biss l-orħos offerta, iżda anke peress li tilħaq ir-rekwiżiti kollha stipolati fl-istess tender.

5.3 **MLC08/2010 – Quotation for Cleaning Services:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn il-kwotazzjonijiet:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Gafa Saveway Cleaners | €5.80 p/h |
| 2. | Bad Boy Cleaners | €9.44 p/h |
| 3. | Mr. Ricky Caruana | €6.80 p/h |

Il-Kunsill approva unanimament li din il-kwotazzjoni għanda tingħata lil-Gafa Saveway Cleaners, b'kundizzjoni li jibda jintbagħat dejjem l-istess persuna u jekk wara xahar ma jkollniex xogħol sodisfaċenti, din il-kwotazzjoni għanda tieqaf u għadndna nmorru għal-kwotazzjoni numru 3 tas-Sur Ricky Caruana bl-istess kundizzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament.

- **<u>Matters Arising:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-punt li kien tkellem fuqu fil-laqgħa ta' qabel tat-18 ta' Novembru, 2010 dwar Item 6.0 - <u>*Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal perjodu Lulju – Settembru 2010*</u>.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm żball żgħir mhux fl-infieq attwali, iżda fil-kolonna tal-budget għax-xhur Jannar-Settembru f'paġna 2 fi-sezzjoni *Operations and Maintenance.*

Kien hemm qbil unanimu favur din l-emenda.

- **<u>Matters Arising:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-punt li kien tkellem fuqu l-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel tat-18 ta' Novembru, 2010 dwar artiklu 3.3 - <u>*Laqgħa mal-WasteServ dwar il-Family Park:*</u>

Is-Sur Spiteri qajjem il-punt fejn hu kien ivvota kontra l-mozzjoni tas-Sindku li jinħatar persuna teknika għall-moniteraġġ tal-kwalita` ta' l-arja fl-impjant u madwar. Wara s-seduta huwa kien staqsa u ħa parir mill-Avukat Owen Bonnici fejn qallu li anzi tkun ħaġa tajba u tista` tgħin jekk aħna nagħmlu parti minn dan il-moniteraġġ.

Għalhekk fid-dawl ta' dan is-Sur Spiteri sostna li biddel il-ħsieb tiegħu favur u jaqbel li naħtru din il-persuna teknika.

- **<u>Matters Arising:</u>**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru fl-10.00a.m., l-Kunsill għandu laqgħa mal-WasteServ ġewwa l-Impjant u minkejja l-mistiedna huma biss s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qal li min irid jista` jattendi għal din il-laqgħa.

## 3.0 <u>*Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill (Cont....)*</u>

### 3.11 <u>Il-Kuntratt mal-Green MT:</u>

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li kienu qamu xi nterpellanzi u kontroversji fuq dan il-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-Green MT.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qam minn fuq il-mejda tal-Kunsill għax qal li ma jistax jieħu sehem f'din id-diskussjoni peress li għandu konflitt ta' nteress peress li l-Kumpanija li qed jaħdem magħħa huwa bdiet tagħti servizz lill-Green Pak u ppreżenta ittra li talab li tiġi kkunsidrata mill-Kunsill ma baqax jippartecipa fis-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tal-Kunsillier Lawrence Ciantar fejn kienet tgħid hekk:

Council

Kunsillier Lawrence Ciantar:

Nirreferi ghall-mistoqsija Parlamentari li tirrigwarda;

a) Il-Kunsilli li ghandhom ftehim mal-GreenMT jew mal-GreenPak;
b) Id-data tal-laqgha li fiha gie diskuss il-ftehim; u
c) Id-data tal-laqgha li fiha ttiehdet id-decizjoni dwar l-istess ftehim.

Nirreferi wkoll ghar-risposta tas-Sindku, Mario Calleja li fiha ntqal li l-kunsilliera kollha kienu nfurmati u hadd ma oggezzjona.

Jiena qed niddikjara, kif diga ghamilt permezz tal-email tieghi tas-7 ta' Novembru 2010. Li ma naqbilx mar-risposta tas-Sindku Mario Calleja, u dan ghal dawn ir-ragunijiet:

a) Li l-ftehim mal-GreenMT qatt ma gie diskuss u evalwat f'laqgha tal-Kunsill;
b) Li d-decizjoni li jsir il-ftehim mal-GreenMT ma ttiehditx f'laqgha tal-Kunsill; u
c) Li dan sar minkejja l-fatt li jezistu zewg mozzjonijiet, wahda tal-eks Kunsillier Josette Marsh ipprezentata u approvata unanimament fil-minuti tal-Kunsill Nru. 32 fl-10 ta' Ottubru 2008, u l-ohra pprezentata minni f'Decembru 2009, u li giet approvat fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Nru. 7 tat-3 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill b'mod unanimu kien iddecieda li materji ta' portata serja ghandhom ikunu diskussi u decizi f'laqgha tal-Kunsill u la bit-telephone u lanqas b'emails.

Lawrence Ciantar.

RECEIVED
26 Nov 2010
35/7089/10/I

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn qal li eks Segretarju Eżekuttiv kellu *email* mingħand l-eks Direttur tal-Kunsilli Lokali is-Sur Natalino Attard fejn kienet taqra li s-Sindku jista` jibgħat b-*email* lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni ta' ċertu deċiżjonijiet li jkun urġenti mbagħad wara jgħaddihom għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jkun imiss.

Il-Viċi Sindku qal li dan għandu jkun biss f'każ ta' emerġenza.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li mozzjoni li kien għamel il-Kunsillier Lawrence Ciantar għaddiet fit-3 ta' Marzu 2010 fil-laqgħa Nru 41 u l-kuntratt ġie ffirmat 3 xhur qabel f'Jannar 2010.

Il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar wieġeb li huwa kien ilu li ssottometta –mozzjoni minn Diċembru 2009.

Il-Kunsillier Jesmond Mugliett staqsa wkoll għalfejn din l-*issue* qed tinqala sena wara u l-eks Segretarju Eżekuttiv kien bagħat *email* lill-Kunsilliera kollha fis-6 ta' Jannar, 2010 fid-9.16 ta' filgħodu u ċempel ukoll lill-Kunsilliera kollha fejn kulħadd ġie mistieden għall-iffirmar tal-kuntratt mal-Green MT. Is-Sur Mugliett qal ukoll li jiftakar li xi wħud mill-Kunsilliera kienu ċemplulu biex isaqsuh xi affarijiet fuq dan il-kuntratt.

Il-Viċi Sindku qal li ma kienx irċieva din l-*email.*

Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Kunsilliera Carmen Fearne u Jesmond Mugliette kienu preżenti biss għal din il-laqgħa.

Is-Sindku ta' spjegazzjoni li ma kienx hemm minn fejn jintgħażel xi ħadd ieħor flok il-Green MT u dan peress li meta hu kien iltaqa mal-Green Pak f'Mejju u talabhom xi akkwisti għal lokal dawn ma ġewx lura bi proposti.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa lis-Sindku għalfejn għal din il-laqgħa mal-Green Pak kienu preżenti biss hu u l-iskrivana Chantel Zammit.

Is-Sindku rrisponda li peress li f'dak iż-żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv kien dejjem ikun assenti bejn is-12.00 u t-3 ta' wara nofs inhar, għaldaqstant ma setax jattendi għal din il-laqgħa għalkemm kien infurmat li jagħmel dan. Is-Sindku ma setax jinforma lill-Kunsilliera b'kull laqgħa li jiġi mitlub ikollu, peress li ħafna drabi il-laqgħat isiru mill-lum għal lum.

Is-Sindku qara l-minuti ta' dik il-laqgħa.

- *Is-Sur Mario Schembri introduċa l-Kumpanija Greenpak u qal li l-għan ewlini tagħhom huwa li jirriċiklaw l-iskart bħal plastic,metal,karti u ħġieġ.*
- *Din il-Kumpanija hija privata u tagħmel il-kolezzjoni tal-iskart b'mod privat ukoll fost ħafna oħrajn li diġa jeżistu fil-Marsa, Ħal Far, Magħtab u Ħal Luqa.*
- *Il-Greenpak hija msieħba ma' numru sostanzjali ma' ħwienet kummerċjali.*
- *Meta inagħqdu mall-MHRA huma bdew billi ħadu fidejhom l-iskart li jiġġeneraw l-istabilimenti kollha ġewwa l-Waterfront il-belt Valletta.*
- *Peress li hawn diversi ħwienet, il-Greenpak u l-MHRA, ideċidew li jagħmlu pilot project kemm fuq il-konsumatur, kif ukoll fuq il-ħwienet. Fil-fehma tagħhom r-recycable Tuesdays mhix prattika. L-ideja tagħhom kienet li jsibu lokalita` mhux kbira ħafna.*
- *Is-Sindku, is-Sur Mario Calleja qal li l-Kunsill ta' Marsaskala mexa l-quddiem rigward l-ambjent għaliex kien hemm inizjattivi bħal lis-servizz tal-bulk refuse żdied għall-ġimgħa sħiħa minflok 3 ijiem, żdiedu Bring in sites u żdiedu sweepers.*

- *Is-Sur Daniel Tabone qal li hu qed jgħamel eżerċizju fejn imur fl-istabbilimenti u jara l-ispazju li għandhom bħal eżempju għandhomx area fil-kċina għall-bins. L-ispunt tal-Greenpak huwa li jinġabar l-iskart diġa separat. L-ideja hu li f'Marsaskala jitnaqqsu bring in sites u jinġabar separat minn ħdejn il-biebin tan-nies u mhux mill-iskips.*
- *Is-Sindku ħareġ bl-ideja li jekk ir-residenti jkollhom xi tip ta' inċentiv u anka jiġu mgħarrfa meta jkun se jsir il-ġbir, dan jaħdem aktar. Huwa ssuġġerixxa li jingħataw bastkijiet, brieret, lilos ecc., bir-reklam tal-Greenpak. Dan jaħdem bħala reklamar kif ukoll inċentiv għal dan il-ġbir.*

Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienux tawna dak li wegħduna u s-Sindku spjega li wara dik il-laqgħa ma rajnihomx aktar 'l hawn. Rajnihom biss meta kienet saret *'Clean Up the Sea'* f'Ottubru tas-sena 2009. Ma dawn iltaqgħu l-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett u s-Sindku.

Is-Sindku qal li l-Green MT kienu tawna l-*bring-in-sites* bi prova u l-Viċi Sindku rrisponda li ma kienx sewwa li tawna affarijiet u wara tajnihom it-tender. Is-Sindku rrisponda li din mhux tender.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li meta aħna ġejna introdotti mal-kumpanija Green MT, jiftakar li l-Assoċjazzjoni talbitna biex nissieħbu ma waħda mill-iskemi kemm jista` jkun malajr, u l-iskema tal-Green Pak ma kienetx tajba għalina.

Is-Sindku qal li parti mill-ftehim li kellna mal-Green MT kien li jagħtuna sponsor wieħed fis-sena, u dawn sponsorjawna *Xmas Crib* fejn il-Bandli ta' Pjazza Mifsud Bonniċi, waħda fil-Ġimgħa l-kbira, fejn kienu għinuna f'wirja ta' statwi magħmula minn skart riċiklat, kif ukoll għinuna wkoll fl-inizjattiva Eko Festa li saret f'Lulju li għadda.

Il-Viċi Sindku qal ma kienx jaf biha din u qal li dawn tawhomna qabel m'aċċetajnihom lill-Green MT.

Is-Sindku qal ma jafx għaliex ħafna drabi l-Viċi Sindku ma jkunx jaf b'ċertu affarijiet.

Il-Kunsillier Daniel Spiteri qajjem il-punt li fis-Sajf li għadda tal-2009, is-Sindku kien isemmi fil-laqgħat, li l-GRTU se jtina *bring-in-sites* u dawn huma l-istess kumpanija tal-Green MT, u dak iż-żmien ħadt ma kien tkellem biex inwaqfuhom li jtuna dawn il-*bring-in-sites.*

Is-Sindku qal li għal iffirmar ta' dan il-kuntratt kien preżenti l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana u ċert li kien qal l-kullħadd biex jattendi kemm b'email kif ukoll bit-telefon.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliette ta' spjegazzjoni dwar il-kuntratt li għandna mal-Green MT fejn qal li għandna kuntratt għal 4 snin, huma *committed* li jtuna 15-il *bring-in-sites b'4* kontenituri l-wieħed. S'issa huma diġa provdulna 19 il-*Bring-In-Site sets*, fejn kif jaf kulħadd hemm postijiet li fihom aktar minn 4 kontenituri biex bħalissa għandna total ta' 82 kontentur għal pubbiku u 16 il-kontenitur ieħor għall-ħwienet. B'hekk s'issa diġa provdulna 98 kontenituri, meta l-kuntratt jistipola 60 kontenitur biss dawn kif ukoll li hemm l-kontenituri *b'dome shape* li kienu tal-*Wasteserv*.

Is-Sur Mugliett spjega li permezz tal-kuntratt huma *committed* ukoll li jieħdu ħsieb it-tbattil u t-tindif ta' dawn il-BIS. Fil-fatt qed isir tbattil ta' kull *fraction* darbtejn fil-ġimgħa kif gej: It-Tnejn u l-Ħamis jiġbru l-Plastik, it-Tlieta u l-Ġimgħa jiġbru l-Karta u l-Erbgħa u s-Sibt ikun għal-Ħġieġ. Il-ħasil qed isir darba fix-xahar.

Il-Green MT huma committed li jipprovdulna s-servizz tal-Eko Councillors, u dan fil-fatt ingħata f'aktar minn okkażjoni waħda, fejn kienu għamlu perjodu jduru triq triq u anki ħadu sehem f'Ġimgħa Marsaskala. Huma ser ikomplu jipprovdu dan is-servizz.

Permezz tal-kuntratt huma committed ukoll li jipprovdulna Stainless Steel Bins għas-separazzjoni tal-iskart. Fil-fatt madwar xahar ilu huma pprovdulna 30 Stainless Steel Bins b'xejn li twaħħlu fuq il-Promenade. Huma ser jibdew jieħdu ħsieb it-tbattil u t-tindif tagħhom.

Is-Sur Mugliett kompla jispjega li huma committed li jisponsorjawlna attivita` mil-anqas darba fis-sena u s'issa diġa għamlulna tlieta; għamlulna waħda fil-Milied fejn kienu għamlulna presepju fejn il-Bandli ta' Pjazza Mifsud Bonniċi, waħda fil-Ġimgħa l-kbira, fejn kienu għinuna f'wirja ta' statwi magħmula minn skart riċiklat, kif ukoll għinuna wkoll fl-inizjattiva Eko Festa li saret f'Lulju li għadda.

Skond il-kuntratt Green MT huma marbutin iħallsu l-Kunsill €30 kull ġimgħa bħala administrative fee. Fil-fatt is-Sur Jesmond Mugliette nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li huwa kien tkellem mal- Green MT u l-ġimgħa ddieħla nistgħu nagħmlulhom invoice ta' €1,440, li tkopri minn l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2009 sa l-aħħar ġimgħa ta' Settembru 2010, ħalli jħallsuna mil-aktar fiss.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett spjega wkoll li l-Kunsill huwa ntitolat ukoll għal €15 kull ġimgħa għal kull darba li l-ammont ta' skart riċiklat li jinġabar minn Marsaskala jinqabeż b'tunnellata mil-medja ta' 2.88 tunnellati fil-ġimgħa li kienu jinġabru qabel. Fil-fatt skond il-kalkoli li wieħed jista` jagħmel mid-data provduta mil-Green MT ta' kemm daħal skart riċiklat minn Marsaskala li jinkludi skart mil-borża l-griża u mil-Bring-In-Sites, inkluż dawk tal-WasteServ li minn Marzu li għadda ġew f'idejna u qed jitbattlu wkoll minn Green MT, il-Kunsill għal perjodu bejn Novembru 2009 u Settembru 2010 huwa intitolat s-somma ta' €2,798.35. Hawnhekk is-Sur Mugliette għadda *excel sheet* b'informazzjoni ta' kemm inġabar skart riċiklatt bejn Novembru 2009 u Settembru 2010.

Is-Sur Mugliett kompla jfihem li skond din id-data jidher li bejn il-perjodu minn Novembru 2009 sa' Settembru 2010 inġabar madwar 186.53 tunnellati aktar ta' skart separat milli kien jinġabar qabel f'dan il-perjodu, meta ma kienx hemm il-*Bring-In-Sites* li hemm illum. Hu qal li mid-data joħroġ ċar ukoll li r-residenti qed ifittxu u jagħmlu użu aktar mil-BIS milli l-borża l-griża, li baqgħet f'madwar l-istess livell, avolja kien hemm żieda fix-xhur bejn Mejju u Settembru li tista` tkun aktar residenti fix-xhur tas-Sajf pero` wkoll għax il-Kunsill qassam boroż griżi b'xejn f'dan il-perjodu.

Rigward l-iskart organiku wara li fix-xahar ta' Settembru il-Kunsill naqqas l-iskips, fix-xahar t'Ottubru kien hemm tnaqqis ta' madwar 85 tunnellati meta kkomparat max-xahar ta' qabel. Ovvjament wieħed irid iżomm f'moħħu biex verament isir qbil tajjeb il-Kunsill irid jara aktar il-quddiem biex wieħed jikkompara max-xhur tax-Xitwa u mhux tas-Sajf fejn ikun hawn aktar nies.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ressaq ittra għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn taqra hekk :

> Sur Segretarju.
>
> RECEIVED 18 Nov 2010
>
> 17/11/2010
>
> 35/6901/10/1
>
> Vici Sindku Charlot Mifsud:
>
> Nigbed l-attenzjoni ta' dan il-Kunsill ghall-P.Q. li saret mill-Onor. Chris Agius fejn barra li staqsa min huma dawk il-Kunsilli li ghandhom ftehim mal-GreenMT u mal-GreenPak, staqsa wkoll f'liema laqgha tal-Kunsill gie diskuss il-ftehim u f'liema laqgha tal-Kunsill gie deciz l-istess ftehim.

Nirreferi ghar-risposta tas-Sindku Mario Calleja ghall-istess PQ u ntenni dak li diga ghidt fl-email tieghi fuq l-istess suggett li jiena ma naqbilx mar-risposta tieghu minhabba l-fatt li;

a) Ma saret ebda laqgha tal-Kunsill li fiha gie diskuss il-ftehim mal-GreenMT u lanqas saret laqgha fejn fiha ttiehdet id-decizjoni dwar l-istess ftehim.
b) Ma naqbilx lanqas, kif donnha tghid ir-risposta li l-ftehim mal-GreenMT sar ghaliex dawn kienu diga offrew li jaghtu sponsorship tal-grotta tal-Milied u l-bins. Infakkar li dan id-disksors dwar sponsorship kien sar fil-laqgha li saret f'Ottubru 2010, jigifieri tliet xhur qabel ma fil-fatt sar il-ftehim mal-GreenMT.
c) Nigbed l-attenzjoni wkoll tal-Kunsill li jiena f'laqgha tal-Kunsill kont insistejt li l-affarijiet ghandna nkunu nafuhom minghand il-GreenPak u mhux minghand is-Sindku; u
d) Fl-ahharnett infakkar lil dan il-Kunsill li kienet giet approvata mozzjoni pprezentata minn Josette Marsh u mghoddija b'mod unanimu fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Nru. 32 tal-10 ta' Ottubru 2008, li kienet tghid, u

**"Tipproponi sabiex id-deċiżjonijiet kollha jittieħdu waqt il-laqgħa tal-Kunsill u mhux isiru telefonati jew jintbagħtu e-mails lill-kunsilliera biex tittieħed deċiżjoni mmedjata. F'kaz ta' deċiżjoni urġenti għandha tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill b'urġenza".**

Charlot Mifsud

Il-Kunsill qabel li nibqgħu għaddejjijn bil-kuntratt mal-Green MT.

❖ ***Matters Arising:***

**Party tat-Tfal tal-Milied:**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn ressqet tliet kwotazzjonijiet għall-50 ruħ għall-Party tat-Tfal tal-Milied li se jsir nhar it-Tlieta, 28 ta' Diċembru, 2010 fis-sala tal-Kappillan b'€5 ir-ras.

Baron Confectionery €180 inkluż VAT
Bonta` Confectionery €118 inkluż VAT
Maypole Confectionery €150 inkluż VAT

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabdu lill-Bonta` Confectionery.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne talbet lill-Kunsilliera preżenti sabiex jisponsorjaw €5 minn buthom għal dawk it-tfal il-foqra li ma jistgħux jattendu u għalhekk inġabru l-flus dak il-ħin u l-Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv xtraw biljett kull wieħed għal dawn it-tfal.

9.0 ***Aġġornament:***

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal data oħra u spiċċat fid-9.30p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 7 ta' Diċembru fis-6.00p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku